

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 97



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

17 ta' April 2010

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 316/2010 tas-16 ta' April 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-orijini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pommes des Alpes de Haute Durance (IĠP)]** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 317/2010 tas-16 ta' April 2010 li jadotta l-ispeċifikazzjonijiet tal-modulu *ad hoc* tal-2011 dwar l-impjegi tal-persuni b'diżabbiltà għall-istħarriġ permezz ta' kampjuni dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ⁽¹⁾** 3
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2010 tas-16 ta' April 2010 li jemenda għall-124 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban** 10
- Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2010 tas-16 ta' April 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 12

DEĊIŻJONIJIET

2010/218/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' April 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2006/415/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' tifqigħa tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja ħafna tas-subtip H5N1 fit-tjur tal-irziezet fir-Rumanija (notifikata bid-dokument numru C(2010) 2348) ⁽¹⁾** 14

Prezz: 3 EUR

(Ikompili fil-paġna ta' wara)

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2010/219/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' April 2010 li tħassar id-Deċiżjoni 2006/236/KE dwar kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw il-prodotti tas-sajd li jiġu importati mill-Indoneżja u li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem** (notifikata bid-dokument numru C(2010) 2354) ⁽¹⁾ ... 16

2010/220/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' April 2010 dwar miżuri ta' emerġenza applikabbli għal kunsinni ta' prodotti tas-sajd tal-akkwakultura importati mill-Indoneżja u li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem** (notifikata bid-dokument numru C(2010) 2358) ⁽¹⁾..... 17



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 316/2010

tas-16 ta' April 2010

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-orġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pommes des Alpes de Haute Durance (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4), l-ewwel inċiż tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2), l-ewwel inċiż, u skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni ta' Franza għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Pommes des Alpes de Haute Durance", ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽²⁾ ĠU C 199, 25.8.2009, p. 19.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem imniżżlin fl-Anness I għat-Trattat

Klassi 1.6: Frott, ħaxix u ċereali, fl-istat naturali jew ipproċessati

FRANZA

Pommes des Alpes de Haute Durance (IĠP)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 317/2010

tas-16 ta' April 2010

li jadotta l-ispeċifikazzjonijiet tal-modulu *ad hoc* tal-2011 dwar l-impjiegi tal-persuni b'diżabbiltà għall-istħarriġ permezz ta' kampjuni dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni tan-NU", iffirmata mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri kollha tagħha, stipula fl-Artikolu 31 tagħha dwar l-istatistika u l-għbir tad-dejta li l-Partijiet Statali jimpenjaw irwieħhom li jiġbru l-informazzjoni xierqa, inkluża dejta statistika u dwar ir-riċerka li tippermettilhom ifasslu u jimplimentaw politiki li jdaħħlu fis-seħħ il-Konvenzjoni tan-NU, inklużi d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 27 konnessi max-xogħol u l-impjiegi.
- (2) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Marzu 2008 dwar is-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet fl-Unjoni Ewropea ⁽²⁾, il-Kunsill jenfasizza li l-istatistika dwar id-diżabbiltà hija meħtieġa biex tistabbilixxi stampa tas-sitwazzjoni ġenerali tal-persuni b'diżabbiltajiet fl-Ewropa u li din it-tip ta' dejta statistika u tar-riċerka tippermetti li jitfasslu u jiġu implimentati politiki informati dwar id-diżabbiltà fil-livelli differenti tat-tmexxija. Il-Kunsill isejjaħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ħalli, skont is-setgħat rispettivi tagħhom, jiżguraw li jibdwu ħidmiet fuq strateġija Ewropea dwar id-diżabbiltà li tieħu post il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Diżabbiltà 2004-2010 preżenti, billi fost affarijiet oħra jivvalutaw kif l-azzjonijiet nazzjonali jirriflettu l-impenji magħmula mill-Komu-

nità Ewropea u l-Istati Membri biex jimplimentaw bis-siehi il-Konvenzjoni tan-NU fil-livell Ewropew, bil-kunsiderazzjoni li jiġu ffixati miri nazzjonali konsistenti u paragonabbli għal dak il-għan.

- (3) Hija meħtieġa ġabra ta' dejta komprensiva u paragonabbli dwar l-impjiegi ta' persuni b'diżabbiltajiet biex jiġi sorveljat il-progress fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni tan-NU u l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropea dwar l-impjiegi u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabbiltà kif ukoll biex titkejjel l-evoluzzjoni tal-partiċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabbiltajiet.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 365/2008 tat-23 ta' April 2008 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin 2010, 2011 u 2012, għall-istħarriġ ta' kampjuni dwar il-forza tax-xogħol stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ⁽³⁾ jinkludi modulu *ad hoc* dwar l-impjiegi tal-persuni b'diżabbiltà. Il-lista ta' varjabbli għal dan il-modulu għandha tiġi ddefinita.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista ddettaljata ta' varjabbli li għandha tinġabar fl-2011 mill-modulu *ad hoc* dwar l-impjiegi tal-persuni b'diżabbiltà għandha tkun kif jistipula l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.

⁽²⁾ ĠU C 75, 26.3.2008, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 112, 24.4.2008, p. 22.

ANNEX

STĦARRIĠ TA' KAMPJUNI TAL-FORZA TAX-XOGĦOL**Speċifikazzjonijiet tal-modulu ad hoc għas-sena 2011 dwar l-impjiegi ta' persuni b'diżabbiltà**

1. L-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati: kollha.
2. Il-varjabbli għandhom ikunu kkodifikati kif ġej:

Il-kodifikazzjoni tal-varjabbli tal-Istħarriġ ta' Kampjuni dwar il-Forza tax-Xogħol fil-kolonna "Filtru" jirreferu għall-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 tal-25 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni tad-dejta mill-2009 'il quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' dejta dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-perjodi ta' tliet xhur ta' referenza ⁽¹⁾.

Isem	Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
HEALTHMA	197-198		Tip ta' kundizzjoni tas-saħħa jew marda fit-tul (ikkodifika l-1 tip ewlieni)	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena
		01	Problemi tad-dirgħajn jew l-idejn (inklużi l-artrite jew ir-rewmatiżmu)	
		02	Problemi tar-riġlejn jew is-saqajn (inklużi l-artrite jew ir-rewmatiżmu)	
		03	Problemi tad-dahar jew l-għonq (inklużi l-artrite jew ir-rewmatiżmu)	
		04	Il-kankru	
		05	Kundizzjonijiet tal-ġilda, inklużi reazzjonijiet allerġiċi u sfigurament serju	
		06	Problemi tal-qalb, il-pressjoni tad-demm jew iċ-ċirkulazzjoni	
		07	Problemi tas-sider jew tan-nifs, inklużi l-ażżma u l-bronkite	
		08	Problemi tal-istonku, il-fwied, il-kliwi jew is-sistema diġestiva	
		09	Id-dijabete	
		10	L-epilessija (inklużi l-aċċessjonijiet/puplesija)	
		11	Uġiġħ ta' ras serju bħall-migranja	
		12	Id-diffikultajiet fit-tagħlim (diżabbiltà fil-qari, il-kitba jew il-matematika)	
		13	L-ansjetà kronika	
		14	Id-dipressjoni	
		15	Problemi mentali, emozzjonali jew newroloġiċi oħra	
		16	Mard ieħor progressiv (li jinkludi l-isklerożi multipla, l-HIV, il-marda ta' Alzheimer, il-marda ta' Parkinson)	
		17	Problemi tas-saħħa fit-tul oħrajn	
		18	L-ebda mard jew kundizzjonijiet tas-saħħa fit-tul	

⁽¹⁾ ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57.

Isem	Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
HEALTHSE	199-200	99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena u HEALTHMA = 1-17
		Vojt	Ebda tweġiba	
			Tip ta' kundizzjoni tas-saħħa jew marda fit-tul (ikkodifika t-2 tip ewlieni)	
		01	Problemi bid-dirgħajn jew l-idejn (inklużi l-artrite jew ir-rewmatiżmu)	
		02	Problemi bir-riġlejn jew is-saqajn (inklużi l-artrite jew ir-rewmatiżmu)	
		03	Problemi bid-dahar jew l-għonq (inklużi l-artrite jew ir-rewmatiżmu)	
		04	Il-kankru	
		05	Kundizzjonijiet tal-ġilda, inklużi reazzjonijiet allerġiċi u sfigurament gravi	
		06	Problemi tal-qalb, il-pressjoni tad-demm jew iċ-ċirkulazzjoni	
		07	Problemi tas-sider jew tan-nifs, inklużi l-ażżma u l-bronkite	
		08	Problemi tal-istonku, il-fwied, il-kliewi jew is-sistema diġestiva	
		09	Id-dijabete	
		10	L-epilessija (inklużi l-aċċessjonijiet/puplesija)	
		11	Ugħigh ta' ras serju bħall-migranja	
		12	Id-diffikultajiet fit-tagħlim (diżabbiltà fil-qari, il-kitba jew il-matematika)	
		13	L-ansjetà kronika	
		14	Id-dipressjoni	
		15	Problemi mentali, emozzjonali jew newroloġiċi oħra	
		16	Mard ieħor progressiv (li jinkludi l-isklerożi multipla, l-HIV, il-marda ta' Alzheimer, il-marda ta' Parkinson)	
		17	Problemi tas-saħħa fit-tul oħrajn	
		18	L-ebda mard jew kundizzjonijiet tas-saħħa fit-tul oħrajn	
DIFFICMA	201-202	99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena
		Vojt	Ebda tweġiba	
			L-1 diffikultà bażika fl-attivitajiet (ikkodifika l-aktar diffikultà importanti)	
		01	Il-vista, anki jekk jintlibes nuċċali	
		02	Is-smigh, anki jekk jintuża apparat għas-smigh	

Isem	Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
DIFFICSE	203-204	03	Il-mixi, it-tluġh ta' turġien	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena u DIFFICMA = 1-10
		04	Li wieħed ipoġġi bil-qiegħda jew iqum bil-wieqfa	
		05	Il-memorja, il-konċentrazzjoni	
		06	Il-komunikazzjoni, pereżempju li wieħed jifhem jew jinftehem	
		07	Li wieħed jiġġebbed jew jitmattar	
		08	It-tqandil u l-ġarr	
		09	It-tgħawwiġ	
		10	Iż-żamma, il-qabda, jew it-tidwir	
		11	Xejn	
		99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	Ebda twegħiba	
			It-2 diffikultà bażika fl-attivitajiet (ikkodifika t-tieni l-aktar diffikultà importanti)	
		01	Il-vista, anki jekk jintlibes nuċċali	
		02	Is-smigh, anki jekk jintuża apparat għas-smigh	
		03	Il-mixi, it-tluġh ta' turġien	
		04	Li tpoġġi bil-qiegħda jew tqum bil-wieqfa	
		05	Il-memorja, il-konċentrazzjoni	
		06	Il-komunikazzjoni, pereżempju li wieħed jifhem jew jinftehem	
		07	Li wieħed jiġġebbed jew jitmattar	
		08	It-tqandil u l-ġarr	
		09	It-tgħawwiġ	
		10	Iż-żamma, il-qabda, jew it-tidwir	
		11	Xejn	
		99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	Ebda twegħiba	
LIMHOURS	205		Il-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa jew il-mard(a) jew diffikultà(jiet) li tikkawża/jikkawżaw il-limitazzjoni tal-persuna fin-numru ta' sigħat li hu/hi jista'/tista' jaħdem/taħdem kull ġimgħa	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena u (HEALTHMA = 1-17 jew DIFFICMA = 1-10)
		1	Iva, il-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa jew il-mard(a)	
		2	Iva, id-diffikultà(jiet) fl-attivitajiet	

Isem	Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
LIMTYPEW	206	3	Iva, it-tnejn li huma, il-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa/mard(a) u d-diffikultà(jiet) fl-attivitajiet	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena u (HEALTHMA = 1-17 jew DIFFICMA = 1-10)
		4	Le	
		9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	Ebda tweġiba	
			Il-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa jew il-mard(a) jew diffikultà(jiet) li tikkawża/jikkawżaw il-limitazzjoni tal-persuna fit-tip ta' xogħol (pereżempju, problemi fi tqandil ta' oġġetti tqal, ix-xogħol estern, xogħol ta' bil-qiegħda fit-tul) li jista'/tista' jagħmel/tagħmel	
LIMTRANS	207	1	Iva, il-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa jew il-mard(a)	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena u (HEALTHMA = 1-17 jew DIFFICMA = 1-10)
		2	Iva, id-diffikultà(jiet) fl-attivitajiet	
		3	Iva, it-tnejn li huma, il-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa/mard(a) u d-diffikultà(jiet) fl-attivitajiet	
		4	Le	
		9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	Ebda tweġiba	
			Il-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa jew il-mard(a) jew diffikultà(jiet) li tikkawża/jikkawżaw il-limitazzjoni tal-persuna biex tasal ix-xogħol u tirritorna d-dar	
		1	Iva, il-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa jew il-mard(a)	
		2	Iva, id-diffikultà(jiet) fl-attivitajiet	
NEEDHELP	208	3	Iva, it-tnejn li huma, il-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa/mard(a) u d-diffikultà(jiet) fl-attivitajiet	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena u (HEALTHMA = 1-17 jew DIFFICMA = 1-10)
		4	Le	
		9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	Ebda tweġiba	
			Minħabba l-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa/mard(a) jew diffikultà(jiet) fl-attivitajiet il-persuna teħtieġ (persuni mhux impjegati)/tutilizza (persuni impjegati) assistenza personali sabiex tkun tista' taħdem	
		1	Iva	
		2	Le	
		9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
		Vojt	Ebda tweġiba	

Isem	Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
NEEDADAP	209	1 2 9 Vojt	Minħabba l-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa/ mard(a) jew diffikultà(jiet) fl-attivitajiet il-persuna teħtieġ (persuni mhux impjegati)/ tutilizza (persuni impjegati) apparat speċjali jew teħtieġ (persuni mhux impjegati)/sarulha (persuni impjegati) adattazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol sabiex tkun tista' taħdem Iva Le Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru) Ebda tweġiba	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena u (HEALTHMA = 1-17 jew DIFFICMA = 1-10)
NEEDORGA	210	1 2 9 Vojt	Minħabba l-kundizzjoni(jiet) tas-saħħa/ mard(a) jew diffikultà(jiet) fl-attivitajiet il-persuna teħtieġ (persuni mhux impjegati)/ għandha (persuni impjegati) arranġamenti tax-xogħol speċjali li jippermettulha taħdem (pereżempju, xogħol sedentarju, xogħol mid-dar, sigħat flessibbli jew xogħol eħfef) Iva Le Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru) Ebda tweġiba	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena u (HEALTHMA = 1-17 jew DIFFICMA = 1-10)
LIMREAS	211-212	01 02 03 04 05 06 07 08 09 99 Vojt	Raġuni ewlenija għal-limitazzjoni fix-xogħol (numru ta' sigħat, tip, trasport lejn ix-xogħol u lura d-dar) li mhix ikkawżata mill-kundizzjonijiet tas-saħħa/mard fit-tul jew mid-diffikultajiet fl-attivitajiet bażiċi Nuqqas ta' kwalifiki/esperjenza Nuqqas ta' opportunitajiet xierqa ta' xogħol Nuqqas ta' trasport lejn ix-xogħol u lura d-dar, jew trasport mhux effiċjenti Nuqqas ta' flessibbiltà min-naħa ta' min iħaddem Effett fuq l-eliġibilità għall-benefiċċji Responsabilitajiet familjari/kura ta' persuni oħra Raġunijiet personali Raġuni oħra M'hemmx limitazzjoni fix-xogħol Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru) Ebda tweġiba	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena

Isem	Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
	213/218		Fattur ta' differenzjazzjoni għall-modulu ad hoc tal-2010 (opzjonali)	Kull min għandu bejn il-15 u l-64 sena
		0000-9999	Il-kolonna 213-216 fihom numri sħaħ	
		00-99	Il-kolonna 217-218 fihom punti deċimali	

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 318/2010**tas-16 ta' April 2010****li jemenda għall-124 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network tal-Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

- (2) Fil-29 ta' Marzu 2010, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi persuna naturali mil-lista tagħha ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi.

- (3) L-Anness I għandu b'hekk jiġi aġġornat kif xieraq.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

João VALE DE ALMEIDA

Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura “Persuni naturali” għandha titħassar:

“Azahari **Husin**. Titlu: Dr. Indirizz: Taman Sri Pulai, Johor, il-Malasja; Data tat-twelid: 14.9.1957. Post tat-twelid: Negeri Sembilan, il-Malasja; Ċittadinanza: Malasjana. Numru tal-passaport: A 11512285. Numru nazzjonali ta' identifikazzjoni: 570914-05-5411. Tagħrif ieħor: Allegatament miet fl-2005. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 9.9.2003.”

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 318/2010**tas-16 ta' April 2010****li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u
ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-17 ta' April 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	JO	87,5
	MA	80,1
	TN	109,3
	TR	111,1
	ZZ	97,0
0707 00 05	MA	93,5
	TR	124,4
	ZZ	109,0
0709 90 70	MA	49,0
	TR	99,2
	ZZ	74,1
0805 10 20	EG	51,1
	IL	52,2
	MA	52,7
	TN	56,0
	TR	64,0
	ZZ	55,2
0805 50 10	EG	66,0
	TR	60,3
	ZA	64,4
	ZZ	63,6
0808 10 80	AR	90,3
	BR	85,3
	CA	111,7
	CL	85,8
	CN	86,7
	MK	22,1
	NZ	105,3
	US	135,1
	UY	72,5
	ZA	81,8
	ZZ	87,7
0808 20 50	AR	87,4
	CL	86,3
	CN	50,4
	ZA	105,4
	ZZ	82,4

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' April 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2006/415/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja ħafna tas-subtip H5N1 fit-tjur tal-irziezet fir-Rumanija

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2348)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/218/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġijiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 63(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-influwenza avjarja tas-sottotip H5N1 ta' patoġeniċità għolja ħafna fit-tjur tal-Komunità ⁽⁵⁾ tistipula ċerti miżuri ta' protezzjoni biex ikunu applikati sabiex tkun evitata l-firxa ta' dik il-marda, fosthom it-twaqqif ta' żoni A u B wara tifqigħa suspettata jew konfermata tal-marda. Dawn iż-żoni huma elenkati fit-tabella stipulata fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

- (2) Wara inċidenza kkonfermata ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja ħafna tas-subtip H5N1 fir-Rumanija, dak l-Istat Membru ħa miżuri ta' protezzjoni skont id-Deċiżjoni 2006/415/KE, inkluż it-twaqqif ta' żoni A u B, kif previst fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni.

- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/158/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar ċerti miżuri protettivi *interim* fir-rigward ta' influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fit-tjur fir-Rumanija ⁽⁶⁾ ġiet adottata wara tifqigħa ta' dik il-marda fir-Rumanija. Dik id-Deċiżjoni tiddefinixxi ż-żoni li għandhom japplikaw fihom il-miżuri ta' protezzjoni previsti fid-Deċiżjoni 2006/415/KE u l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dawk il-miżuri.

- (4) Dawk il-miżuri *interim* ta' protezzjoni issa ġew riveduti fi ħdan il-qafas tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

- (5) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2010/158/UE ġiet ikkonfermata tifqigħa oħra f'żona diġà soġġetta għall-miżuri *interim* ta' protezzjoni tagħha. Għaldaqstant, hu xieraq li din it-tifqigħa ġdida titqies fid-definizzjoni tad-daqs taż-Żona A u tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni li issa għandhom jiġu kkonfermati.

- (6) Għalhekk l-Anness tad-Deċiżjoni 2006/415/KE għandu jiġi emendat skont dan.

- (7) Fl-interess taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, id-Deċiżjoni 2010/158/UE għandha tiġi revokata b'mod espliċitu.

- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2006/415/KE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU, L 395, 30.12.1989, p. 13.

⁽²⁾ ĠU, L 224, 18.8.1990, p. 29.

⁽³⁾ ĠU, L 146, 13.6.2003, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.

⁽⁵⁾ ĠU, L 164, 16.6.2006, p. 51.

⁽⁶⁾ ĠU L 67, 17.3.2010, p. 10.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2010/158/UE hija revokata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

"ANNEX

PARTI A

Iż-Żona A kif stabbilita skont l-Artikolu 4(2):

Kodiċi tal-Pajjiż ISO	Stat Membru	Żona A		Data sa meta applikabbli skont l-Artikolu 4(4) (b)(iii)
		Kodiċi (jekk disponibbli)	Isem	
RO	Ir-Rumanija	00038	Żona li tinkludi:	17.4.2010
			Żona ta' protezzjoni: Letea	
			Żona ta' sorveljanza: C.A. Rosetti Sfiştofca Cardon	
RO	Ir-Rumanija	00038	Żona ta' protezzjoni: Plauru	27.4.2010

PARTI B

Iż-Żona B kif stabbilita skont l-Artikolu 4(2):

Kodiċi tal-Pajjiż ISO	Stat Membru	Żona B		Data sa meta applikabbli skont l-Artikolu 4(4) (b)(iii)
		Kodiċi (jekk disponibbli)	Isem	
RO	Ir-Rumanija	00038	Iż-Żoni tal-Kontea ta' Tulcea minbarra dawk elenkati fil-Parti A.	27.4.2010"

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' April 2010

li tħassar id-Deċiżjoni 2006/236/KE dwar kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw il-prodotti tas-sajd li jiġu importati mill-Indoneżja u li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2354)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/219/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/236/KE tal-21 ta' Marzu 2006 dwar kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw il-prodotti tas-sajd li jiġu importati mill-Indoneżja u li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem ⁽³⁾ ġiet adottata b'riżultat taż-żjarat ta' spezzjoni mill-Kummissjoni Ewropea fl-Indoneżja, li wrew nuqqasijiet serji fejn tidħol l-iġjene waqt l-immaniġġjar ta' prodotti tas-sajd f'dak il-pajjiż terz.

(2) Id-Deċiżjoni 2006/236/KE kienet emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/660/KE ⁽⁴⁾ li neħħiet ir-rekwiżit li prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Indoneżja jiġu ttestjati għall-preżenza ta' istamina u metalli tqal fi prodotti tal-akkwakultura.

(3) Id-Deċiżjoni 2006/236/KE tistipula li l-Istati Membri jridu jiżguraw li kull kunsinna ta' prodotti tas-sajd ħlief li jkunu ta' oriġini mill-akkwakultura importati

mill-Indoneżja jsirulha t-testijiet neċessarji biex ikun żgurat li l-prodotti ma jeċċedux ċerti livelli massimi għall-metalli tqal.

(4) Id-Deċiżjoni 2006/236/KE tistipula wkoll li dik id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta fuq il-bażi tal-garanziji pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja u fuq il-bażi tar-riżultati tat-testijiet magħmula mill-Istati Membri.

(5) Ir-riżultati tat-testijiet mwettqa mill-Istati Membri fuq il-prodotti tas-sajd importati mill-Indoneżja huma favorevoli fejn jidħlu l-metalli tqal. Barra minn hekk, l-Indoneżja issa pprovdiet il-garanziji xierqa lill-Kummissjoni. Għalhekk ma għadux neċessarju li kull kunsinna ta' prodotti tas-sajd tiġi ttestjata għall-metalli tqal.

(6) Id-Deċiżjoni 2006/236/KE għandha għalhekk titħassar skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2006/236/KE hija b'dan imħassra.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 83, 22.3.2006, p. 16.

⁽⁴⁾ ĠU L 215, 12.8.2008, p. 6.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' April 2010

dwar miżuri ta' emerġenza applikabbli għal kunsinni ta' prodotti tas-sajd tal-akkwakultura importati mill-Indoneżja u li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2358)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/220/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-riżultati ta' spezzjoni tal-Kummissjoni fl-Indoneżja f'Novembru 2009 żvelaw nuqqasijiet fir-rigward tas-sistema tal-kontroll tar-residwi fl-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tas-sajd tal-akkwakultura u nuqqas ta' faċilitajiet ta' laboratorji xierqa għas-sejba ta' residwi ta' ċerti sustanzi farmakoloġikament attivi f'annimali tal-akkwakultura u prodotti tas-sajd tal-akkwakultura kif jirrikjedu d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali haġjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ⁽²⁾ u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE tal-14 ta' Awwissu 2002 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE dwar il-prestazzjoni tal-metodi analitiċi u l-interpretazzjoni tar-riżultati ⁽³⁾.
- (2) Minħabba f'hekk hemm riskju li l-prodotti tas-sajd tal-akkwakultura intiżi għall-konsum mill-bniedem importati mill-Indoneżja jkun fihom residwi ta' ċerti sustanzi farmakoloġikament attivi li jintużaw biex jissiltu l-mard jew iqawwu l-produttività fl-annimali tal-akkwakultura li huma dannużi għalsahhet il-bniedem. Dawn is-sustanzi huma, b'mod partikolari: il-chloramphenicol, in-nitrofurans, u t-tetracyclines. Għaldaqstant, għandhom jittieħdu miżuri biex dak ir-riskju jiġi mitigat. Il-miżuri għandhom ikunu proporzjonali bla ma jrażżnu l-kummerċ aktar milli hu meħtieġ biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.
- (3) Jekk porzjon sinifikanti tal-prodotti tal-akkwakultura importati mill-Indoneżja jiġi suġġett għal testijiet obbli-

gatorji għar-residwi rilevanti qabel ma dawn il-prodotti jitqiegħdu fis-suq, ir-riskju li l-kunsinni li fihom ir-residwi jitqiegħdu fis-suq jitnaqqas, ikun hemm informazzjoni iktar preċiża dwar il-kontaminazzjoni attwali bir-residwi fil-prodotti tas-sajd Indoneżjani u l-produtturi fl-Indoneżja jitgerrxu milli jużaw ħażin is-sustanzi inkwistjoni.

- (4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi tal-ittestjar għall-importazzjoni tal-kunsinni tal-prodotti tas-sajd tal-akkwakultura fl-Indoneżja flivell minimu definit peress li l-prodotti jistgħu jiġu importati minn għadd ta' Stati Membri.
- (5) L-Istati Membri huma mitluba jirrapportaw lill-Kummissjoni s-sejba ta' preżenza ta' sustanzi farmakoloġikament attivi mhux awtorizzati għall-użu fl-annimali li jipproduċu l-ikel permezz tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ jew residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi flivelli li jisbqu l-limiti massimi ta' residwi stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida mwaqqfa permezz tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u jissottomettu regolament rapporti tat-testijiet kollha biex jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni neċessarja ħalli tikkunsidra jekk hemmx il-ħtieġa li tinżamm jew tiġi modifikata din il-miżura interim fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta.
- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-importazzjoni ta' kunsinni ta' prodotti tas-sajd tal-akkwakultura mill-Indoneżja maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom, permezz ta' pjanijiet xierqa dwar it-teħid tal-kampjuni, jiżguraw li l-kampjuni jittieħdu minn tal-anqas 20 % tal-kunsinni msemmija fl-Artikolu 1 ippreżentati għall-importazzjoni fil-Postazzjonijiet tal-Ispezzjoni fuq il-Fruntieri tat-territorju tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

⁽³⁾ ĠU L 221, 17.8.2002, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.

2. Il-kampjuni mittieghda skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu suġġetti għal testijiet analitiċi għas-sejba ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi mfissra fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, u b'mod partikolari l-chloramphenicol, il-metaboliti tan-nitrofurans u t-tetracyclines (tal-anqas it-tetracycline, l-oxytetracycline u l-chlortetracycline).

Artikolu 3

Il-kunsinni li minnhom ikunu tteghdu l-kampjuni skont l-Artikolu 2(1) għandhom jinżammu taħt denzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm jitlestew it-testijiet analitiċi. Dawk il-kunsinni jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ir-riżultati tat-testijiet analitiċi jikkonfermaw il-konformità tal-kunsinni mar-Regolament (KE) Nru 470/2009.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni bir-riżultati tat-testijiet analitiċi jew dawk it-testijiet jiżvelaw:

- (a) il-preżenza ta' kwalunkwe sustanzi farmakoloġikament attivi klassifikati skont l-Artikolu 14(2)(a), (b) jew (c) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 fl-ivell li jisbqu l-limitu massimu ta' residwu stabbilit skont dak ir-Regolament; jew
- (b) il-preżenza ta' sustanzi farmakoloġikament attivi mhux klassifikati skont l-Artikolu 14(2)(a), (b) jew (c) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 ħliet fejn ġie ffissat punt ta' referenza għal azzjoni għal dik is-sustanza skont dan ir-Regolament jew id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE tat-12 ta' Awwissu 2002 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE dwar il-prestazzjoni tal-metodi analitiċi u l-interpretazzjoni tar-riżultati ⁽¹⁾ u l-ivell ta' residwi ma jkunx

ugwali għal dak il-punt ta' referenza għal azzjoni jew jeċċedih.

Ir-riżultati ta' dawk it-testijiet għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tas-sistema ta' twissija rapida mwaqqfa permezz tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

2. Kull tliet xhur, l-Istati Membri għandhom iħejju rapport li jagħti rendikont tar-riżultati kollha tat-testijiet analitiċi kollha mwettqa fit-tliet xhur ta' qabel fuq kunsinni ta' prodotti tas-sajd tal-akkwakultura mill-Indoneżja maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

Dawn ir-rapporti għandhom jitressqu lill-Kummissjoni matul ix-xahar ta' wara kull perjodu, f'April, Lulju, Ottubru, u Jannar.

Artikolu 5

In-nefqa kollha li tkun saret biex tiġi applikata din id-Deċiżjoni għandha tiġi mħallsa mill-kunsinnatur, mid-destinatarju jew mill-aġent ta' wieħed minnhom.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni


John DALI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 221, 17.8.2002, p. 8.

EU Book shop

Il-pubblikazzjonijiet kollha
tal-UE li INT qed tfittex!



bookshop.europa.eu

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT